

Dr. Jacqline Azzopardi
Direttur- Istitut ta' l-Istudji Forensiċi

# Ir-relazzjoni ta' bejn il-Pulizija u ż- żgħażagħ

Is-soċjeta' hija maqsuma fi gruppi skond karatteristiċi bħall-eta' (Brown, 1998:15). In-nies jitqassmu fi: tfal, adoloxxenti, adulti u anzjani. Is-soċjeta' imbagħad tistenna imġieba differenti, skond il-grupp. Tagħti privileġġi lil xi wħud filwaqt li ċċaħħad xi gruppi minn xi privileġġi. Per eżempju, ma tħallix lit-tfal u lill-adoloxxenti jkunu totalment indipendenti. Ma tagħtihomx aċċess għall-poter u għarriżorsi kollha ... ma tingħatalhomx vuċi fid-deċiżjonijiet importanti (Brown, 1998:16). Filwaqt li dawk li laħqu ċerta eta' jistgħu iħossuhom komdi, dawk li jinsabu eżatt bejn eta' u oħra jibdew jaffaċċjaw problemi li jistgħu jaskalaw fil-konfrontazzjoni (Brown, 1998:14). L-adoloxxenti, jiskopru fażi ġdida f'ħajjithom (Brown, 1998:15). L-adoloxxenza tirrappreżenta tiġdid – li huwa l-għadu ta' dawk li jogħbodu l-bidla. Dan jispjega għaliex jidher li n-nies il-kbar qishom dejjem iwissu kontra l-immoralita' li tnaqqar is-sinsla tannazzjon (Brown, 1998:15).

Is-soċjeta' Maltija għandha l-għeruq tagħha fir-reliġjoni Kattolika Rumana. Fil-fatt, Baldacchino (2000:65) jisħaqq li l-knisja Kattolika Rumana hija l-għajn li tisqi il-kultura Maltija. Il-knisja Kattolika Rumana f'Malta tħaddem il-poter tagħha permezz tat-tagħlim tagħha, allura tagħti l-ħajja lit-twemmin reliġjuż, lit-tradizzjonijiet u l-attitudnijiet tal-Maltin (Cole, 1994 f'Sultana u Baldacchino, 1994:605). Għalhekk, dan li għadni kif semmejt jagħmel parti kbira mill-bagalja kulturali li l-Maltin iġorru magħhom filmixjiet differenti tagħhom. Il-Pulizija mhumix eċċezzjoni. Billi l-Pulizija Maltin huma wkoll parti mis-soċjeta', jirriflettu l-attitudnijiet tal-maġġoranza tal-poplu Maltin (Bayley u Mendelsohn, 1968 f'Reiner, 2000:98). Għaldaqstant, jidher ċar li l-knisja Kattolika Rumana għandha sehem kbir mhux biss fit-tagħġin tal-kultura Maltija, iżda wkoll fl-iffurmar tal-kultura tal-Pulizija Maltin.

Ftit huma dawk li jiċħdu li l-knisja Kattolika Rumana għandha influenza ġeneralment tajba fuq il-valuri u l-istituzzjonijiet Maltin. Iżda effett li xi wħud iqisu kemmxejn negativ huwa dawk patriarkali. Infatti, Miceli (1994:87), Abela, (1992:19) u Callus (1998:94) jiddiskrivu kif il-kunċett antik tal-patria potesta għadu b'saħtu f'Malta u kif il-Maltin għadhom jgħixu ħajja mibnija fuq it-tradizzjoni – imsejsa fuq l-ideal patriarkali, fejn irraġel adult huwa meqjus il-kap u dak li jipprovdi l-ħobża ta' kulljum lillfamilja. F'din il-mentalita' (patriarkali), li jgħid il-kap tal-familja jgħodd u ħadd ma jista' jmerih, lanqas jekk jiżbalja. B'danakollu, Abela (1992:18) jispjega li, għalkemm din ilmentalita' sabet ftit resistenza sattmeninijiet, l-affarijiet inbidlu fiddisagħjnijiet. Studju ta' Abela (1994 :260) juri li aktar nies saru jaħsbu li ideat ġodda bilfors ikunu aħjar minn ideat qodma u li wieħed għandu jieħu azzjoni malajr u mhux joqgħod jaħsibha. Jidher ċar li dawn il-valuri jistgħu aktar jiġu assoċjati maż-żgħażagħ milli ma' l-adulti u ma' l-anzjani. Abela (1994:254) ukoll saħaq li jidher li issa n-nies jagħtu importanza kbira lill-liberta' tal-espressjoni, lillħarsien tal-ambjent u lill-kwalita' aħjar ta' ħajja. Għal darba oħra, dawn l-opinjonijiet jidhru li jaqblu sew mal-mentalita' żagħżugħa.

Aktar minn hekk, opportunitajiet aħjar għal edukazzjoni aħjar għamlu liż-żgħażagħ Maltin aktar kapaċi jitkelmu, aktar attivi fis-soċjeta' u aktar determinati li jipparteċipaw fittmexxija anki tal-pajjiż. Mhux hekk biss imma, l'opportunitajiet aqwa għall-edukazzjoni aħjar ipproduċew ġenerazzjoni żagħżugħa li hija bilwisq aktar imħarġa u ikkwalifikata minn ta' qabilha. Sar aktar diffiċli biex wieħed jiġġustifika t-twarrib taż-żgħażagħ fuq bażi bl-iskuża li m'għandhomx biżżejjed skola/taħriġ. Issa, għal frustrazzjoni taż-żgħażagħ, l-iskuża li qed tintuża' hija n-nuqqas (ovvju) ta' esperjenza. Anke żgħażagħ li jirrispettaw il-liġi jiġu ddisprezzati mill-kbar. Jekk Peel għandu raġun meta jisħaqq li 'l-Pulizija huma l-pubbliku u l-pubbliku huwa l-Pulizija' (f'Peak u Glensor, 1996:1) allura, wieħed ma jistax jistenna li l-membri tal-Pulizija ma jiġux effettwati millopinjoni negattiva li s-soċjeta' Maltija għanda taż-żgħażagħ.

B'konsegwenza, il-Pulizija jistgħu jadottaw strateġija li tmur kontra ż-żgħażagħ, anke meta dawn ikunu qed iħarsu l-liġi. Dan jikkonferma dak li qalet Chan (1997:2) li r-relazzjoni ta' bejn iż-żgħażagħ u l-Pulizija xejn m'hi tajba. Skolnick (1966 ikkwotat f' Reiner, 2000:97) jgħidilna li, ġeneralment, il-Pulizija huma nies li ma jħobbux il-bidla (huma nies konservattivi). Għalhekk, diffiċilment jistgħu jingwalawha maż-żgħażagħ li huma l-espressjoni tal-bidla – fiżika u mentali (Atkinson, Atkinson u Hilgard, 1983:92-93) u dan il-fatt iwassal għallkonfront kulturali.

Haines u Drakeford (1998:1) jibdew ilktieb tagħhom billi jgħidu li s-soċjeta' Ingliża ma tħobbx liż-żgħażagħ. Loader (1996:24) iwaħħal fil-ħafna stampi negattivi li s-soċjeta' tuża' biex tpinġi liż-żgħażagħ. Iż-żagħżagħ huma primarjament meqjusa bħala l-ixprun tar-revoluzzjonijiet (Bell, 1994:421). Huma meqjusin bħal ħabbara ta' bidla (ikkonsidrata millkbar bħala misħuta) soċjali (Loader, 1996:24) u l-għedewwa tal-valuri tradizzjonali. Iż-żgħażagħ Maltin mhumix differenti. Huma jistinkaw biex joħolqu ordni ġdida ta' relazzjoni-

jiet soċjali; ordni li jeħlishom mir-rutina u mill-konservatiżmu tas-soċjeta' tradizzjonali Maltija (Bell, 1994:422).

Wieħed jistenna li ż-żgħażagħ ikunu fuq tagħhom, devjanti u storbjużi (Brown, 1998:3) għalhekk malajr jiġu assoċjati mal-kriminalita' u malinkwiet (Loader, 1996:24). Haines u Drakeford (1998:4-5) jippreżentaw biċċiet minn gazzetti li jiddiskrivu ż-żgħażagħ moderni bħala: bla grazzja, ateisti, illitterati, pastażi, spiritwalment mejta u robots bla morali. Brown (1998:3) jiddiskrivi kif is-soċjeta' tiġi imbumbardjata minn xbihat ta' żgħażagħ li huma għażżenin, indixxiplinati, strambi, revoluzzjonarji, ħżina – u allura kriminali. Wieħed ma jistax ma jammettix li dawn it-tipi ta' żgħażagħ jeżistu, iżda jista' jkun ukoll li dawn it-tipi ta' żgħażagħ huma dawk li l-aktar jiġbdu l-attenzjoni – mal-ħażin jeħel it-tajjeb u allura jiġri li ż-żgħażagħ jiġu awtomatikament assoċċjati ma' xeni ta' disordni, inkwiet, irvellijiet u kwalunkwe tip ta' problemi (Graycar u Jamrozik, 1989 f'White u Alder, 1994:114). Dan kollu jagħmel il-presenza tagħhom f'postijiet publiċi xi ħaġa li mhix mixtieqa. Aktar minn hekk, il-paniku li spiss jinħoloq mill-mezzi tax-xandir jaħsdu lill-komunitajiet b'mewġa wara l-oħra ta' kriminalita' min-naħa taż-żgħażagħ (White and Alder, 1994:114), fil-waqt li jsaħħu l-opinjoni li ż-żgħażagħ huma theddida għas-soċjeta'. Din l-idea imbagħad tippermetti lill-Pulizija biex tadotta kull miżura legali biex tnaddaf it-toroq miż-żgħażagħ u biex iżomm liż-żgħażagħ f'posthom (White u Alder, 1994:117).

Haines u Drakeford (1998:3) jemmnu li hemm żewġ modi ta' kif is-soċjeta' tħares lejn iż-żgħażagħ: tista' tikkonsidrhom bħala ħlejjaq liberi, li ma jagħtu kas ta' xejn u li moħħhom biex jiddevertu bla rażan, u tista' wkoll tqishom bħala bhejjem slavaġġ li ġew imrobbija ħażin u li issa tħallew jiġġerrew fi ħdan is-soċjeta'. In-nies li jaraw liż-żgħażagħ bħala nies li ma' jagħtu kas ta' xejn u li ma jinkwetaw għal xejn jistgħu jikkunsidrawhom b'għejra bħala nies irrisponsabli, għażżenin u li ma jistħoqqilhomx li jgħixu kuntenti filwaqt li dawk li jqisu ż-żgħażagħ bħala annimali slavaġġ, jibżgħu minnhom (Haines u Drakeford, 1998:3).

Haines and Drakeford (1998:3) konvinti li s-suspett, l-ostilita' u l-oppressjoni huma prodotti tal-biża' li kkontribwew ġmielhom għall-idea li ż-żgħażagħ huma kriminali. Jista' jkun li l-Pulizija ma jħossux il-bżonn li jersqu fuq iż-żgħażagħ u jitolbuhom jew jikmandawhom jersqu 'l hemm, madanakollu, anke meta l-membri tal-Pulizija jkollhom simpatija għaż-żgħażagħ u jemmnu li l-allegazzjonijiet fil-konfront tagħhom huma bla bażi, il-pressjoni li jħossu biex jaqdu lill-poplu jwasslu sabiex il-Pulizija jkollhom fl-aħħar jieħdu azzjoni kontra ż-żgħażagħ (Loader, 1996:82). B'dan il-mod, iż-żgħażagħ jitpoġġew fil-forma li tiġi mħejjija mis-soċjeta' u jiġu ttimbrati bħala delinkwenti, inkella bħala delinkwenti potenzjali. Ikun hemm drabi fejn din il-profesija ssir realta' ... għaliex, fil-frustrazzjoni tagħhom, xi żgħażagħ fil-fatt jirribellaw u jaġixxu bil-mod kif tistennihom li jġiebu ruħhom is-soċjeta' – kriminali (Brehm u Kassin, 1993:132). Effett negattiv ieħor li joħroġ, mill-vizzju ta' xi wħud mill-Pulizija li jaqbdu maż-żgħażagħ, huwa li b'dan il-mod, il-Pulizija tqarras ir-relazzjoni tagħha maż-żgħażagħ. B'hekk il-Pulizija jinqatgħu miż-żgħażagħ u n-nuqqas ta' kuntatt magħhom iċċaħħad il-Pulizija minn mezz effettiv ta' prevenzjoni mill-kriminalita' (Loader, 1996:83-84; White u Alder, 1994:117). Meta ż-żgħażagħ jevitaw lill-Pulizija anke meta jisfaw vittmi tal-kriminalita', huma jsaħħu l-idea ta' xi Pulizija, li jaħsbu li ż-żgħażagħ huma dejjem dawk li jiksru l-liġi u mhux il-vittmi. Loader (1996:91) jisħaqq li, għalkemm il-Pulizija jaġixxu b'mod paternalistiku u jagħtu l-impressjoni li huma jafu kollox, jidher li jinjoraw il-fatt li anka ż-żgħażagħ jistgħu jisfaw vittma tal-kriminalita'.

Piliavin u Briar (1964 imsemmija f'Pearson, 1994:118) jemmnu li l-Pulizija jissusspettaw ħażin mall-ewwel f'żagħżugħ li għandu xagħru fi stil partikulari, jilbes b'mod differenti jew jimxi b'mod partikulari. Għalhekk, kif jgħidu Werthman u Piliavin (1981 imsemmija minn Pearson, 1994:1188), delinkwent huwa persuna żagħżugħa li ġiet iġġudikata bħala immorali. B'konsegwenza, iż-żgħażagħ huma identifikati u mwarba mis-soċjeta'. Bħala reazzjoni, iż-żgħażagħ jiffurmaw kultura li tiżvilupa separatament u li tidħol f'kunflitt ma' dik tas-soċjeta' in ġenerali (Siegel u Senna, 1994:161). Cohen (f'Siegel u Senna, 1994:161) jiddiskrivi din il-kultura separata bħala dik li tieħu r-regoli mill-kultura tas-soċjeta' in ġenerali u taqlibhom ta' taħt fuq.

Il-kultura taż-żgħażagħ hija l-espressjoni taż-żgħażagħ li mhumiex sodisfatti u li ġew imwarrba mis-soċjeta'; hija l-essenza, kważi l'inkarnazzjoni tar-resistenza taż-żgħażagħ (Bell, 1994:421). Allura, jidher li s-soċjeta' qed tħabbat wiċċha ma' mostru li ħolqot hija stess u li qed tkompli trejjaq bl-attitudnijiet negattivi li għandha fil-konfront taż-żgħażagħ. Għalkemm l-attitudnijiet ma jinbidlux faċilment (Haines u Drakeford, 1998:4), jistgħu jittieħdu passi sabiex jibdew jittranġaw – is-soluzzjoni tista' tinsab f'kura intiża biex tikkura amnesia storika profonda li donnha daħlet l-għeruq tagħha f'dak li għandu x'jaqsam maż-żgħażagħ. B'kawża t'hekk ħafna jimmaġinaw li, fl-imgħoddi, iż-żgħażagħ kienu ordnati, iddixxiplinati u li kellhom imġieba eżemplari (Pearson, 1994 insemmi f'Haines and Drakeford, 1998:4). Jekk il-kura taħdem, allura l-Pulizija jkunu jistgħu jifmhu aħjar il-kultura taż-żgħażagħ. Dan jista' jwassal biex jifmhu aktar liż-żgħażagħ u biex jinbena pont bejn il-Pulizija u ż-żgħażagħ ... pont li permezz tiegħu tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-kriminalita'.